**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 238/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kane Grima**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Kane Grima**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 333095(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fid-29 ta' Lulju 2019 għal ħabta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofs in-nhar:

1. irrenda ruħu kompliċi f'serqa ta' tmienja u erbgħin elf, disa' mija u tnejn u disgħin Euro (€48,992) minn ġewwa l-istabiliment bl-isem ta' Burgers Ink li jinsab ġewwa l-kumpless Is-Suq li jinsab ġewwa Triq il-Merkanti, Valletta liema serq huwa aggravat bil-valur għad-dannu ta' Daniel

Borg Cardona u/jew persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.) fid-digriet tagħha tas-7 ta' April 2016 li bih tat il-ħelsien mill-arrest;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D.) fid-digriet tagħha tat-13 ta' Lulju 2018 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-persuni hawn fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Ottubru 2020 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 42, 261(c), 267, 279(b) u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijet ta' Malta, fuq ammissjoni ta' l-imputat:

- sabitu ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu perjodu ta' ħmistax (15)-il xahar priġunerija;

- wara li rat Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti qegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament, liema ordni sar għal perjodu ta' tliet (3) snin skont id-digriet anness mas-sentenza u dan sabiex (i) il-ħati jkompli b'kull kura neċessarja sabiex jindirizza l-vizzji li għandu u (ii) jingħata assistenza psikoloġika sabiex ikun jista' jindirizza t-

trawmi li għadda minnhom fil-passat u li kellhom impatt fuqu;

- l-Ewwel Qorti ordnat ukoll li l-ħati jkompli jiġi ssorveljat minn uffiċjal tal-*Probation* u *Parole* għal perjodu ta' tliet snin u li għandu jikkoordina mad-Direttur tal-Ħabs sabiex waqt li l-ħati jkun qiegħed jiskonta l-piena jkompli bit-trattament meħtieġ b'mod immedjat;

- l-Ewwel Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li waqt li l-ħati jkun fil-perjodu ta' inkarċerazzjoni, u sa fejn jaċċetta l-istess ħati, jiġi offrut u jingħata kull opportunita' possibbli sabiex itejjeb il-livell ta' edukazzjoni tiegħu u/jew jitgħallem sena li eventwalment jgħinuh jintegra ruħu fil-ħajja tax-xogħol u s-soċjeta';

- l-Ewwel Qorti ordnat komunika lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

- fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tapplika l-piena skont il-liġi l-Qorti tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-ħati jħallas lir-Reġistratur l-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-Inkjesta fis-somma komplessiva ta' tmien mija, disa' u ħamsin Euro u erbatax-il ċenteżmu (€859.14) u ċioè l-ispejjeż (a) ta' l-espert Martin Bajada fl-ammont ta' €729.71 u (b) tar-rapport ta' PC 1331 D. Debattista u WPS 293 M. Camilleri fl-ammont ta' €129.43;

- l-Ewwel Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tkun ikkomunikata lir-Reġistratur tal-Qorti;

- wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta' pubblika, l-Ewwel Qorti qegħdet lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300)

li kellha tibda tiskonta wara li jkun lesta l-perjodu ta' inkarċerazzjoni;

- *ai termini* ta' Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat li l-atti kollha tal-proċeduri u kopja tas-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-liġi.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *f'dik il-parti fejn fuq ammissjoni sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih,* ***TĦASSARAHA U TIRREVOKAHA*** *fil-parti tal-piena nflitta, u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.*"

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti fil-qosor f'dan il-każ huma li l-appellant kien kompliċi f'serqa li seħħet fid-29 ta' Lulju 2019 mill-istabbiliment Burgers Ink li jinsab ġewwa l-kumpless Is-Suq li jinsab ġewwa l-belt Valletta. Is-serqa kienet tammonta għal tmienja u erbgħin elf, disa' mija u tnejn u disgħin Euro (€48,992). L-appellant ammetta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u bl-għajnuna ta'

missieru ħallas sehmu minn dak misruq għax kien iddispjaċih u beda programm ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza tad-droga.

Illi għal kull buon fini jiġi nnutat li quddiem l-Ewwel Qorti ġie ppreżentat *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-appellant allura imputat, liema rapport ġie mmarkat bħala Dok. "DF 1" (*a fol.* 41 *et seq.*). Dan ir-rapport ġie mħejji mill-Uffiċjal tal-*Probation* Deborah Farrugia li xehdet quddiem l-istess Qorti.

Illi għandu jingħad ukoll li permezz ta' digriet (*a fol.* 186 *et seq.*) mogħti fis-17 ta' Frar 2020, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tad-difiża sabiex l-imsemmija Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga u f'liema digriet l-Ewwel Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawża. Hija mhux biss ma qisitx probabbli li l-appellant wettaq dak li diġa' kien ammetta għalih minħabba d-dipendenza fuq id-droga, talli ma rriżultawlhiex raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-appellant x'aktarx jiġi riabilitat mid-dipendenza tiegħu jew li jkun għamel progress jew sforz sostanzjali biex jeħles mid-dipendenza tiegħu.

Illi din il-Qorti diversament preseduta semgħet jixhdu lill-Uffiċjal tal-*Probation* Donnalise Camilleri (*a fol.* 278 *et seq.*) u lil Maria Caruana (*a fol.* 281 *et seq.*) in rappreżentanza tal-Caritas u dana wara li fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 273) id-difiża talbet li jinstemgħu x-xhieda msemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-każ l-appell huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti għaliex l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti ma tatx każ tal-aspett riformattiv tas-sentenza. Jisħaq li hu mexa 'l quddiem fir-riabilitazzjoni tiegħu u issa ser jitkisser kollox bil-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jagħmel riferenza għall-ġurisprudenza u jisħaq li din il-ġurisprudenza li għamel riferenza għaliha tagħmel emfażi fuq l-aspett riformattiv milli dak retributtiv. Jisħaq li ma' din id-duttrina kollha wieħed irid iżid li hu għandu fedina penali kważi netta u li huwa rritorna sehmu minn dak misruq. Jisħaq ukoll li l-parti leża stess iddikjarat li

xtaqet taħfirlu għall-akkadut u li fuq kollox huwa rreġistra ammissjoni bikrija u kkollabora mal-Pulizija.

Illi din il-Qorti tinnota li mid-depożizzjoni mogħtija mill-Uffiċjal tal-*Probation* **Donnalise Camilleri** (*a fol.* 278 *et seq.*) quddiem din il-Qorti diversament preseduta jirriżulta li l-imsemmija Uffiċjal tal-*Probation* qalet li l-appellant kien ilu f'kuntatt mad-dipartiment tal-*Probation* mis-sena 2016 fuq diversi ordnijiet differenti. Tgħid li fil-passat l-appellant kellu l-problemi tal-użu tal-kannabis u tal-kokajina iżda minn Marzu 2021 'il quddiem t-testijiet kienu negattivi. Tgħid li l-appellant għamel ukoll programm residenzjali u ggradwa u li hu dejjem ikkoopera ħafna u dejjem ifittex l-għajnuna. F'dan il-punt l-Avukat Ġenerali rrifera għar-rakkomandazzjoni li kienet għamlet l-Uffiċjal tal-*Probation* Deborah Farrugia li s-sentenza kellha tkun waħda ta' priġunerija effettiva b'dan illi l-Uffiċjal tal-*Probation* Camilleri wieġbet li meta kellmet lill-Uffiċjal tal-*Probation* ta' qabilha ċioè Deborah Farrugia din kienet tatha *feedback* pożittiv fuq l-appellant għaliex dan tal-aħħar kien ħadem fuq il-problemi li kellu.

Illi mid-depożizzjoni mogħtija mir-rappreżentant tal-Caritas **Maria Caruana** (*a fol.* 281 *et seq.*) quddiem din il-Qorti diversament preseduta jirriżulta li Caruana kellha l-ewwel kuntatt mal-appellant fid-29 ta' Ottubru 2019 u li mbagħad beda programm residenzjali fis-7 ta' Jannar 2020. Sal-jum li fih xehdet ir-rappreżentant tal-Caritas, l-appellant kien għadu jattendi għall-gruppi tal-Caritas u ngħad li huwa jieħu ħsieb ta' ibnu u li huwa fdat f'xogħol ta' kostruzzjoni ma' missieru waqt li jattendi għal xi laqgħat oħra minn jeddu.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha

tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> "Il-Qorti tal-Appell narament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi.""

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat, tinnota li l-Ewwel Qorti tat ir-raġunijiet tagħha għala ma tatx piena alternattiva għal dik ta' priġunerija. Hija ħadet in konsiderazzjoni li l-ammont misruq kien kważi ta' disgħa u erbgħin elf Euro (€49,000) li parti minnhom baqgħet mhux imħallsa lid-derubat. Fuq dan il-punt id-difiża ssottomettiet li l-appellant kien ħallas sehmu u ċioè il-parti tiegħu minn dak misruq. Minkejja dan, għandu jiġi nnutat li l-appellant jibqa' responsabbli għall-ammont totali misruq irrispettivament ta' kull arranġament li kien hemm ma' kompliċi oħrajn. Dan jibqa' japplika wkoll jekk id-derubat xehed (*a fol.* 205) li ried jaħfer lill-appellant u dana peress li l-iskop tal-liġi kriminali hija dik li tittutela lis-soċjeta' in ġenerali u ma jfissirx li għax hemm maħfra allura awtomatikament ifisser li min wettaq ir-reat qisu m'għamel xejn!

Illi din il-Qorti tqis ukoll li fil-passat l-appellant ingħata numru ta' ordnijiet ta' *probation* kif jirriżulta mill-fedina penali eżebita kemm quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 274 *et seq.*) u kif ukoll minn dik eżebita quddiem din il-Qorti fl-20 ta' April 2023 (li ma jirriżultax li hija kompluta meta mqabbla mal-oħra) fejn l-appellant anke ġie

misjub ħati, fost l-oħrajn, ta' serq. Kien hemm ukoll reat li sar waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* inkluż ksur ta' kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest.

Illi f'dan il-każ jirriżulta li kien l-appellant li ppjana s-serqa in kwistjoni u li fittex l-għajnuna ta' ħadd ieħor biex iwettaqha. Barra dan, f'dan il-każ l-appellant naqas milli jħares kundizzjonijiet imposti fuqu kemm mill-Imħallef Dr. Edwina Grima (digriet tas-7 ta' April 2016) u mill-Maġistrat Dr. Monica Vella (digriet tat-13 ta' Lulju 2018), liema imputazzjonijiet ġew ukoll ammessi mill-appellant.

Illi minkejja li l-appellant jidher li qed jipprova jimxi fit-triq it-tajba, pero' għandu jittieħed in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, inkluż il-fatt li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti għandha fiċ-ċirkostanzi titqies bħala waħda mita u dana tenut kont ta' dak li l-appellant ġie misjub ħati tiegħu fis-sentenza appellata.

Illi din il-Qorti ma tantx għandha aktar wisq xi tgħid għajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Il-Qorti żżid tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata.

Illi minkejja li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti mhijiex ser tiġi mibdula, din il-Qorti xorta tagħmel kuraġġ lill-appellant sabiex jimxi fit-triq it-tajba ħalli fl-aħħar tat-traġitt tiegħu, wara li jkun

ħallas għall-għemil tiegħu, huwa jkun jista' jerġa' jibda jgawdi ħajtu bħala parti mis-soċjeta'.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Kane Grima u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**